# KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI JÄÄSKINEN

ippreżentati fil-15 ta' Marzu 2011 [1]

## I — Introduzzjoni

1. Din il-kawża tikkonċerna r-relazzjoni bejn l-obbligi tas-Slovakkja skont il-liġi tal-UE li jiżguraw aċċess mhux diskriminatorju għan-netwerk tat-trażmissjoni tal-elettriku skont id-Direttiva 2003/54/KE (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 2003/54") [2] u l-obbligi tagħha li tipproteġi l-investimenti skont ftehim dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti (iktar 'il quddiem il-"Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investimenti") iffirmat fil-5 ta' Ottubru 1990 u konkluż mal-Isvizzera qabel l-adeżjoni tas-Slovakkja mal-UE fl-1 ta' Mejju 2004 [3].

2. Fiċ-ċentru tal-kwistjoni hemm kuntratt irregolat mid-dritt privat (iktar 'il quddiem il-"Kuntratt") konkluż fis-27 ta' Ottubru 1997, bejn kumpannija Svizzera [Aare-Tessin AG für Elektrizität (iktar 'il quddiem "ATEL")] u operatur tan-netwerk li huwa proprjetà tal-Istat fis-Slovakkja, [dak iż-żmien magħruf bħala Slovenské elektráne a.s, u sussegwentement bħala Slovenská elektrizačná prenosová sústava a.s. (iktar 'il quddiem "SEPS")]. Skont il-kuntratt ATEL ħallset iżjed minn nofs l-ispejjeż tal-kostruzzjoni tal-linja Lemesany-Krosno li kienet għad trid tinbena mill-Polonja għas-Slovakkja, u ta' dan ħadet aċċess prijoritarju għal-linja għal perjodu definit li ma jiġġeddidx ta' 16-il sena.

3. Il-Kummissjoni issa qed titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tiddikjara li billi naqset

1 — Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 — Direttiva 2003/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Ġunju 2003, dwar regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li tħassar id-Direttiva 96/92/KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 12, Vol. 2, p. 211). Id-Direttiva 2003/54 kienet ippreċeduta mid-Direttiva 96/92/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-19 ta' Diċembru 1996, dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-elettriku (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 12, Vol. 2, p. 3) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 96/92"). Id-Direttiva 2003/54 reċentement ġiet imħassra u ssostitwita bid-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Lulju 2009, dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li temenda d-Direttiva 2003/54/KE (ĠU L 211, p. 55) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 2009/72").

3 — Il-ftehim kien sar bejn ir-Repubblika Ċeka u Slovakka u l-Konfederazzjoni Svizzera. Ma tqajjmet ebda kwistjoni dwar is-suċċessjoni tal-Istat Ċekoslovakk u l-applikabbiltà tal-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investimenti fir-rigward tas-Slovakkja wara li kisbet l-indipendenza.

milli tiżgura aċċess mhux diskriminatorju għan-netwerk tat-trażmissjoni tal-elettriku, is-Slovakkja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 20(1) u 9(e) tad-Direttiva 2003/54. Għalkemm il-Kummissjoni ma titlobx espressament lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara li s-Slovakkja għandha tannulla l-Kuntratt, fl-osservazzjonijiet tagħha lill-Qorti tal-Ġustizzja tgħid li s-Slovakkja ma hijiex obbligata żżomm il-kuntratt fis-seħħ. Issostni wkoll li jekk sempliċement ma jiġix applikat il-Kuntratt, dan ma jkunx biżżejjed biex jiġi rrimedjat l-allegat ksur. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja qed tiġi mistiedna impliċitament mill-Kummissjoni sabiex tikkunsidra jekk is-Slovakkja għandhiex tiġi obbligata tannulla l-Kuntratt.

4. Min-naħa l-oħra, is-Slovakkja tissottometti li l-Kuntratt huwa protett bħala investiment taħt it-Trattat tal-Karta tal-Enerġija u li d-Direttiva 2003/54 għandha tiġi interpretata b'mod konformi mal-obbligi tal-UE skont it-Trattat tal-Karta tal-Enerġija.

## II — Il-kuntest ġuridiku

*Dritt internazzjonali*

— Il-Konvenzjoni ta' Vjenna fuq il-Liġi tat-Trattati [4]

5. L-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni ta' Vjenna fuq il-liġi tat-Trattati, intitolat "Regola ġenerali ta' interpretazzjoni" jgħid:

"1. Trattat għandu jiġi interpretat *in bona fide* skont is-sens ordinarju tat-termini tiegħu fil-kuntest tagħhom u fid-dawl tal-għan u l-iskop tiegħu.

[…]

4. Għandha tingħata tifsira speċjali lil terminu jekk jiġi stabbilit li din kienet ix-xewqa tal-partijiet" [traduzzjoni mhux uffiċjali]

4 — Magħmula fi Vjenna fit-23 ta' Mejju 1969, li daħlet fis-seħħ fis-27 ta' Jannar 1980, UN Doc. A/Conf.39/27, 1155 UNTS 331, 8 ILM 679 (1969) (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Vjenna"). Iż-żewġ pajjiżi huma partijiet għall-Konvenzjoni ta' Vjenna, is-Slovakkja permezz tas-suċċessjoni tal-Istat.

— It-Trattat tal-Karta tal-Enerġija [5]

6. L-Artikolu 10(1) tal-Karta tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija jistipula:

"Kull Parti Kontraenti għandha, skond id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Trattat, tinkoraġġixxi u toħloq kondizzjonijet stabbli, ekwi, favorevoli u trasparenti għall-investituri ta' Partijiet Kontraenti oħra biex jagħmlu investimenti fiż-żona tagħha. Dawn il-kondizzjonijiet għandhom jinkludu impenn biex jagħtu dejjem trattament ġust u ekwu lill-investimenti ta' investituri ta' Partijiet Kontraenti oħra. Dawn l-investimenti għandhom ukoll igawdu l-aktar protezzjoni u sigurtà kostanti u l-ebda Parti Kontraenti ma tista' b'xi mod ixxellef b'miżuri mhux raġonevoli jew diskriminatorji l-amministrazzjoni, l-manutenzjoni, l-użu, it-tgawdija jew it-tneħħija tagħhom. Fl-ebda każ għandhom dawn l-investimenti jingħataw trattament anqas favorevoli minn dak meħtieġ mil-liġi internazzjonali, inklużi l-obbligazzjonijiet tat-trattat. Kull Parti Kontrattati għandha tosserva l-obbligazzjonijiet kollha li tkun daħlet għalihom ma' investitur jew f'investiment ta' investitur ta' xi Parti Kontraenti oħra".

5 — It-Trattat tal-Karta tal-Enerġija ġie ffirmat f'Diċembru 1994 u daħal fis-seħħ f'April 1998. F'dak iż-żmien is-Slovakkja, l-Isvizzera u l-UE lkoll kienu firmatarji tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija.

7. L-Artikolu 13 tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija jirrigwarda l-esproprjazzjoni. Fil-parti rilevanti jgħid:

"(1) Investimenti ta' investituri ta' Parti Kontraenti fiż-żona ta' xi Parti Kontraenti oħra m'għandhomx jiġu nazzjonalizzati, esproprjati jew assoġġettati għal miżura jew miżuri li jkollhom effett ekwivalenti għan-nazzjonalizzazzjoni jew l-esproprjazzjoni (minn issa 'l quddiem imsejħa 'esproprjazzjoni') minbarra fejn din l-esproprjazzjoni tkun:

(a) għal għan li jkun fl-interess pubbliku;

(b) non-diskriminatorja;

(ċ) imwettqa taħt il-proċess normali tal-liġi; u

(d) akkompanjata mill-ħlas ta' kumpens bla dewmien, adegwat u effettiv".

— Il-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investimenti

8. L-Artikolu 1 Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investimenti intitolat "Definizzjonijiet" jgħid fil-parti rilevanti:

"(2) It-terminu 'investimenti' għandu jinkludi kull xorta ta' beni u b'mod partikolari:

[…]

(c) pretensjonijiet u drittijiet għal kull prestazzjoni li għandha valur ekonomiku;

[…]"

9. L-Artikolu 3 tal-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investimenti intitolat "Promozzoni, aċċettazzjoni", jgħid:

"(1) Kull Parti Kontraenti għandha fit-territorju tagħha tippromwovi l-investimenti mill-investituri tal-Parti Kontraenti l-oħra u taċċetta dawn l-investimenti skont il-liġijiet u r-regolamenti tagħha.

[…]"

10. L-Artikolu 4 intitolat "Protezzjoni, trattament" jgħid:

"(1) Kull Parti Kontraenti għandha tipproteġi fit-territorju tagħha l-investimenti magħmula skont il-liġijiet u r-regolamenti tagħha minn investituri tal-Parti Kontraenti l-oħra u ma tistax b'xi mod ixxellef b'miżuri mhux raġonevoli jew diskriminatorji l-amministrazzjoni, il-manutenzjoni, l-użu, it-tgawdija, l-estensjoni, il-bejgħ u l-likwidazzjoni ta' tali investimenti […]

(2) Kull Parti Kontraenti għandha tiżgura trattament ġust u ekwu fi ħdan it-territorju tagħha tal-investimenti tal-investituri tal-Parti Kontraenti l-oħra. Dan it-trattament ma għandux ikun inqas vantaġġjuż minn dak mogħti minn kull Parti Kontraenti lill-investimenti magħmula fi ħdan it-territorju tagħha mill-investituri tagħha jew minn dak mogħti minn kull Parti Kontraenti lill-investimenti fi ħdan it-territorju tagħha mill-investituri tal-iżjed nazzjon vantaġġjat, jekk dan it-trattament ikun iżjed favorevoli […]"

11. L-Artikolu 6 intitolat "Konfiska, kumpens" jgħid:

"(1) L-ebda waħda mill-Partijiet Kontraenti ma għandha tadotta, kemm direttament jew indirettament, miżuri ta' esproprjazzjoni, nazzjonalizzazzjoni jew kwalunkwe miżura oħra li għandha l-istess natura jew effett kontra investimenti ta' investituri tal-Parti Kontraenti l-oħra, sakemm il-miżuri ma jkunux ittieħdu fl-interess pubbliku u bil-kundizzjoni li ma jkunux diskriminatorji, ikunu konformi mal-liġi u jagħtu lok għal kumpens effettiv u adegwat […]"

12. L-Artikolu 9 intitolat "Tilwim bejn parti kontraenti u investitur tal-parti kontraenti l-oħra" jgħid:

"(1) Għall-finijiet tas-soluzzjoni tat-tilwim fir-rigward tal-investimenti bejn Parti Kontraenti u investitur tal-Parti Kontraenti

l-oħra u bla ħsara għall-Artikolu 10 ta' dan il-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investimenti (Tilwim bejn Partijiet Kontraenti), għandhom isiru konsultazzjonijiet bejn il-partijiet ikkonċernati.

(2) Jekk dawn il-konsultazzjonijiet ma jirriżultawx f'soluzzjoni fi żmien sitt xhur, it-tilwima għandha, fuq talba tal-investitur, tiġi sottomessa quddiem tribunal tal-arbitraġġ. Dan it-tribunal tal-arbitraġġ għandu jkun imwaqqaf kif ġej:

(a) It-tribunal tal-arbitraġġ għandu jiġi kkostitwit għal kull każ individwali. […]

(b) Jekk il-perjodi speċifikati fil-paragrafu (a) ta' dan l-Artikolu ma jkunux ġew osservati, kull parti fit-tilwima tista', fin-nuqqas ta' kwalunkwe arranġament ieħor, tistieden lill-President tal-Qorti tal-Arbitraġġ tal-Kamra Internazzjonali tal-Kummerċ f'Pariġi biex tagħmel il-ħatriet meħtieġa. […]

(c) Kemm-il darba il-partijiet li jkunu fit-tilwima ma jaqblux mod ieħor, it-tribunal għandu jistabbilixxi l-proċedura tiegħu. Id-deċiżjonijiet tiegħu huma finali u vinkolanti. Kull Parti Kontraenti għandha tiżgura r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni arbitrali. […]

(3) Fil-każ li ż-żewġ Partijiet Kontraenti jsiru membri tal-Konvenzjoni ta' Washington tat-18 ta' Marzu, 1965 dwar is-Soluzzjoni ta' Tilwim dwar l-Investimenti bejn l-Istati u Ċittadini ta' Stati Oħra, tilwima taħt dan l-Artikolu tista', fuq talba tal-investitur, bħala alternattiva għall-proċedura msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, tiġi sottomessa liċ-Ċentru Internazzjonali għas-Soluzzjoni ta' Tilwim li jirrigwarda l-Investimenti.

[…]

(5) L-ebda Stat Kontraenti ma għandu jsegwi permezz ta' mezzi diplomatiċi tilwima sottomessa għall-arbitraġġ, sakemm l-Istat Kontraenti l-ieħor ma josservax jew ma jikkonformax mad-deċiżjoni mogħtija minn tribunal tal-arbitraġġ".

13. L-Artikolu 10 intitolat "Tilwim bejn partijiet kontraenti" jgħid:

"(1) Tilwim bejn Partijiet Kontraenti dwar l-intepretazzjoni jew l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investimenti għandu jiġi solvut permezz ta' mezzi diplomatiċi.

(2) Jekk iż-żewġ Partijiet Kontraenti ma jilħqux ftehim bejniethom fi żmien tnax-il xahar wara l-bidu tat-tilwima, it-tilwima għandha, fuq talba ta' waħda mill-Partijiet Kontraenti, tiġi sottomessa lil tribunal tal-arbitraġġ kompost minn tliet membri. Kull Parti Kontraenti għandha taħtar arbitru wieħed, u dawn iż-żewġ arbitri għandhom jinnominaw president li għandu jkun ċittadin ta' Stat terz.

[…]

(7) Id-deċiżjonijiet tat-tribunal huma finali u vinkolanti għal kull Parti Kontraenti".

14. L-Artikolu 11 huwa intitolat "Osservanza tal-impenji". Il-parti rilevanti tiegħu tistipula:

"Kull Stat Kontraenti għandu kontinwament jiggarantixxi l-osservanza tal-impenji li jkun daħal għalihom fir-rigward tal-investimenti tal-investituri tal-Parti Kontraenti l-oħra".

*Id-dritt tal-UE*

— It-Trattat KE [6]

15. L-Artikolu 307 KE jistipula:

"1. Id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn ftehim konklużi qabel l-1 ta' Jannar 1958 jew, għal Stati li jingħaqdu, id-data ta' l-Adeżjoni, bejn Stat Membru wieħed jew iktar u Stat mhux membru wieħed jew iktar, m'għandhomx jintlaqtu mid-dispożizzjonijiet ta' dan it-Trattat.

2. Sa fejn dawn il-ftehim ma jkunux kompatibbli ma' dan it-Trattat, l-Istat Membru jew Stati Membri in kwistjoni għandhom jieħdu l-miżuri opportuni biex titneħħa l-inkompatibilità li tista' tinstab. Jekk ikun hemm bżonn, l-Istati Membri għandhom jgħinu lil xulxin biex jintlaħaq dan il-għan, u fejn ikun opportun, għandhom jadottaw linja komuni.

[...]"

— Id-Direttiva 2003/54

16. L-Artikolu 9 tad-Direttiva 2003/54 intitolat "Il-Kompiti ta' l-operaturi ta' sistema ta' trasmissjoni" jgħid fil-parti rilevanti:

"Kull operatur ta' sistema ta' trasmissjoni għandu jkun responsabbli biex:

(e) jiżgura li ma jkunx hemm diskriminazzjoni bejn l-utenti tas-sistema jew bejn klassijiet ta' utenti tas-sistema, speċjalment favur l-impriżi relatati tiegħu".

6 — Peress li dan ir-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ġie ppreżentat qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2008 C 115, p. 47), f'dawn il-konklużjonijiet ser isir riferiment għall-artikoli tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (ĠU 2002 C 325, p. 33).

17. L-Artikolu 20 tad-Direttiva 2003/54 intitolat "L-Aċċess ta' terzi partijiet" jgħid:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-implimentazzjoni ta' sistema ta' aċċess għal terzi partijiet lejn is-sistemi ta' trasmissjoni u distribuzzjoni bbażati fuq tariffi ppubblikati, li jkunu japplikaw għall-klijenti kollha eliġibbli u applikati b'mod oġġettiv u mingħajr diskriminazzjoni bejn l-utenti tas-sistema. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawn it-tariffi, jew il-metodoloġiji li jkunu moħbija fil-kalkoli tagħhom, ikunu approvati qabel id-dħul tagħhom fis-seħħ f'konformità ma' l-Artikolu 23 u li dawn it-tariffi, u il-metodoloġiji - fejn il-metodoloġiji jkunu approvati - jiġu ppubblikati qabel id-dħul tagħhom fis-seħħ.

2. L-operatur ta' sistema ta' trasmissjoni jew distribuzzjoni jista' jirrifjuta l-aċċess fejn dan tkun tonqsu l-kapaċità neċessarja. Għal rifjut bħal dan għandhom jingħataw raġunijiet sostanzjati, b'mod partikolari wara li jkun ġie kkunsidrat l-Artikolu 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw, fejn ikun xieraq u meta jseħħ dan ir-rifjut ta' l-aċċess, li l-operatur tas-sistema tat-trasmissjoni jew distribuzzjoni jipprovdi l-informazzjoni relevanti fuq miżuri li jistgħu jkunu meħtieġa għall-infurzar tan-netwerks. Il-parti li tagħmel talba għal tali informazzjoni tista' tiġi ċċarġjata miżata raġonevoli li tkun tirrifletti n-nefqa biex tkun ipprovduta din l-informazzjoni".

18. Id-derogi stabbiliti fl-Artikolu 26 tad-Direttiva 2003/54 ma humiex applikabbli f'dan il-każ.

19. L-Artikolu 29 tad-Direttiva 2003/54 iħassar id-Direttiva 96/92 b'effett mill-1 ta' Lulju 2004, bla ħsara għall-obbligi tal-Istati Membri rigward it-termini għat-traspożizzjoni u l-applikazzjoni ta' dik id-Direttiva.

20. Skont l-Artikolu 30 tad-Direttiva 2003/54, l-Istati Membri kellhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva mhux iżjed tard mill-1 ta' Lulju 2004.

21. Skont l-Artikolu 31, id-Direttiva 2003/54 kellha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, jiġifieri fil-15 ta' Lulju 2003.

— Ir-Regolament 1228/2003 [7]

22. L-Artikolu 7 intitolat "Interkonnetturi ġodda" jgħid fil-partijiet rilevanti:

"1. Interkonnetturi ġodda tal-kurrent dirett jistgħu, fuq talba, ikunu eżentati

7 — Regolament (KE) Nru 1228/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Ġunju 2003, dwar kondizzjonijiet għall-aċċess għan-networks għall-bdil fl-elettriku bejn il-fruntieri (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 12, Vol. 2, p. 175).

mid-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 6(6) ta' dan ir-Regolament u l-Artikoli 20 u 23(2), (3) u (4) tad-Direttiva 2003/54/KE taħt il-kondizzjoniet li ġejjin:

(a) l-investiment għandu jkabbar il-kompetizzjoni fil-provvista ta' l-elettriku;

(b) il-livell ta' riskju assoċjat ma' l-investiment huwa tali li l-investiment ma jsirx jekk ma tingħatax eżenzjoni;

(ċ) l-interkonnettur għandu jkun proprjetà ta' persuna naturali jew legali li hija separata għall-inqas fil-forma legali tagħha mill-operaturi tas-sistema li fiha l-interkonnetturi jkunu ser jinbnew;

(d) piżijiet huma imposti fuq utenti ta' dak l-interkonnettur;

(e) minħabba il-ftuħ partzjali tas-suq li hemm referenza għalih fl-Artikolu 19 tad-Direttiva 96/92/KE, l-ebda parti mill-ispejjeż kapitali jew operazzjonali ta' l-interkonnettur ma kienu rkuprati minn xi komponent ta' piżijiet imposti għall-użu ta' sistemi ta' trasmissjoni jew distribuzzjoni kkollegati ma' l-interkonnettur;

(f) l-eżenzjoni m'hijiex għad-detriment tal-kompetizzjoni jew il-funzjonament effettiv tas-suq intern ta' l-elettriku, jew il-funzjonament effiċjenti tas-sistema regolata li l-interkonnettur huwa kkollegat magħha.

[…]

3. Il-paragrafu 1 għandu jgħodd ukoll għal żidiet sinifikanti fil-kapaċità ta' interkonnetturi eżistenti.

4. (a) L-awtorità regolatorja tista', fuq bażi ta' każ b'każ, tiddeċiedi fuq l-eżenzjoni li hemm referenzi għaliha fil-paragrafi 1 u 2. Iżda, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu li l-awtoritajiet regolatorji għandhom jissottomettu, għal deċiżjoni formali, lill-korp rilevanti fl-Istat Membru l-opinjoni tagħhom dwar it-talba għal eżenzjoni. Din l-opinjoni għandha tkun ippubblikata flimkien mad-deċiżjoni.

[…]

5. Id-deċiżjoni dwar l-eżenzjoni għandha tkun innotifikata mingħajr telf ta' żmien mill-awtorità lokali kompetenti lill-Kummissjoni, flimkien ma' l-informazzjoni kollha rilevanti għad-deċiżjoni. Din l-informazzjoni tista' tkun mogħtija lill-Kummissjoni f'forma globali, b'mod li tgħin lill-Kumissjoni tasal għal deċiżjoni fuq sisien sodi.

[…]

Fi żmien xahrejn li tkun rċeviet notifika, il-Kummissjoni tista' titlob li l-awtorità regolatorja jew l-Istat Membru kkonċernat

jemenda jew jirtira d-deċiżjoni biex tingħata eżenzjoni. Il-perjodu ta' xahrejn jista jittawwal b'xahar ieħor meta informazzjoni addizzjonali hija mitluba mill-Kummissjoni.

[...]"

## III — Il-fatti u l-proċedura

23. Fis-27 ta' Ottubru 1997, ATEL u l-predeċessur legali ta' SEPS ikkonkludew il-Kuntratt li permezz tiegħu SEPS tat lil ATEL id-dritt li tittrażmetti 300 MW fuq il-linja ta' trażmissjoni tal-elettriku ta' 400 kV. Il-linja inkwistjoni kienet il-linja ta' trażmissjoni Lemesany-Krosno li kien għad trid tinbena bejn il-Polonja u s-Slovakkja. Id-dritt ta' trażmisssjoni kellu jiġi awtorizzat għal perjodu ta' 16-il sena li jintemm fil-31 ta' Settembru 2014. Is-Slovakkja ma kinitx parti f'dak il-kuntratt. Kien mistenni li l-linja ta' trażmissjoni tibda tintuża mill-1 ta' Ottubru 1998. ATEL kienet intitolata li tirtira mill-Kuntratt jekk il-linja ma kinitx bdiet tintuża sa mhux iżjed tard mill-1 ta' Ottubru 1999.

24. Inkambju għal din il-kapaċità tat-trażmissjoni ATEL kellha tħallas pagament ta' darba ta' somma f'daqqa li tammonta għal iżjed minn 50 % tal-ispejjeż meħtieġa għall-kostruzzjoni tal-linja ta' trażmissjoni Lemesany-Krosno fis-Slovakkja, u ħlas tat-trażmissjoni li kellha tiġi kkalkolata mill-ġdid kull ftit snin skont kalkolu stabbilit fil-Kuntratt. Il-partijiet huma intitolati li jittrasferixxu d-drittijiet u l-obbligi tagħhom taħt il-Kuntratt lil suċċessur sakemm dan tal-aħħar ikun kapaċi jissodisfa l-obbligi kuntrattwali.

25. Il-Kuntratt, abbozzat bil-Ġermaniż, huwa att irregolat mid-dritt privat Awstrijak. Jgħid li t-tilwim bejn il-partijiet għandu jkun suġġett għal arbitraġġ skont ir-regoli tal-Kamra Internazzjonali tal-Kummerċ f'Pariġi.

26. It-Trattat ta' Adeżjoni ġie ffirmat mis-Slovakkja fis-16 ta' April 2003. Ftit wara dan, fis-26 ta' Ġunju 2003, ġiet ippubblikata d-Direttiva 2003/54. Fl-1 ta' Mejju 2004, is-Slovakkja ssieħbet mal-UE [8]. Bħala Stat Membru, għandha tikkonforma mal-obbligi kollha li joriġinaw mit-Trattat KE. Peress li l-perjodu għall-implementazzjoni tad-Direttiva 2003/54 intemm f'Ġunju 2004, din id-direttiva ma kinitx parti mill-*acquis communautaire* li s-Slovakkja kienet mistennija li timplementa fid-data tal-adeżjoni. Barra minn hekk, fl-Att ta' Adeżjoni ma ġew stabbiliti l-ebda kundizzjonijiet fir-rigward tal-applikazzjoni tad-Direttiva 96/92 għas-Slovakkja [9].

8 — Trattat bejn ir-Renju tal-Belġju, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, l-Irlanda, ir-Repubblika Taljana, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Renju tal-Olanda, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika Portugiża, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju tal-Isvezja, ir-Renju Unit tal-Gran Britannja u l-Irlanda ta' Fuq (Stati Membri tal-Unjoni Ewropea) u r-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka, li jikkonċerna l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika tal-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika tal-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka mal-Unjoni Ewropea (ĠU 2003 L 236, p. 17).

9 — Skont il-Kummissjoni, is-Slovakkja kellha titlob arranġament tranżitorju fl-Att ta' Adeżjoni tagħha li jikkonferma d-dritt tagħha li tkompli tirriżerva l-kapaċità tat-trażmissjoni lill-ATEL. Iktar 'il quddiem, ser nanalizza r-rilevanza ta' dan l-argument.

27. Fl-10 ta' April 2006, il-Kummissjoni bagħtet lis-Slovakkja ittra ta' intimazzjoni u mbagħad, fil-15 ta' Diċembru 2006, bagħtitilha opinjoni motivata. Fir-rikors tagħha ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kummissjoni tallega li l-aċċess prijoritarju mogħti lill-ATEL skont il-Kuntratt imur kontra l-obbligi tas-Slovakkja taħt l-Artikoli 9(e) u 20(1) tad-Direttiva 2003/54, li jikkonċernaw l-aċċess mhux diskriminatorju għas-sistema tat-trażmissjoni.

28. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti, l-evalwazzjoni ta' jekk seħħx ksur għandha tkun ibbażata fuq is-sitwazzjoni prevalenti fi tmiem il-perjodu stabbilit fl-opinjoni motivata, jiġifieri, xahrejn wara l-15 ta' Diċembru 2006 [10].

## IV — Evalwazzjoni

29. Fl-analiżi ta' dan il-każ l-ewwel se nikkunsidra ċerti kwistjonijiet preliminari, imbagħad se nwettaq analiżi tal-kwistjoni jekk il-mod kif is-Slovakkja ttrattat lil ATEL jikkostitwixxix diskriminazzjoni li tikser id-Direttiva 2003/54. Jekk dan huwa l-każ, se nissokta billi nanalizza l-kwistjoni jekk dan it-trattament jistax jiġi ġġustifikat mit-Trattat tal-Karta tal-Enerġija jew mill-Artikolu 307(1) KE.

### A — *Kwistjonijiet preliminari*

30. F'din il-kawża jqumu żewġ kwistjonijiet preliminari: (i) jekk l-aġir ta' SEPS jistax jiġi attribwit lis-Slovakkja, u (ii) jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tistax iġġiegħel lis-Slovakkja tittermina kuntratt irregolat mid-dritt privat sabiex tikkoreġi l-ksur tagħha.

31. Fir-rigward tal-ewwel punt, avolja l-ebda waħda mill-partijiet ma qajmet il-kwistjoni tal-proprjetà ta' SEPS, jidher li s-Slovakkja għandha 100 % tal-ishma f'SEPS [11]. B'konsegwenza ta' dan, l-aġir tagħha jista' jiġi attribwit lis-Slovakkja peress li l-atti tal-impriżi li huma proprjetà tal-Istat huma attribwibbli lill-Istati Membri [12].

32. Fir-rigward tat-tieni punt, skont ir-risposta tas-Slovakkja, il-korp regolatorju tal-enerġija Slovakka (URSO) ta opinjoni negattiva fir-rigward tal-aċċess prijoritarju

10 — Sentenzi tas-27 ta' Novembru 1990, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, (C-200/88, Ġabra p. I-4299, punt 13); tal-31 ta' Marzu 1992, Il-Kummissjoni vs L-Italja, (C-362/90, Ġabra p. I-2353, punt 10; u tas-7 ta' Marzu 2002, Il-Kummissjoni vs Spanja (C-29/01, Ġabra p. I-2503, punt 11).

11 — http://www.sepsas.sk/seps/en_Clanok012.asp?kod=128

12 — Ara, pereżempju, is-sentenza tal-25 ta' April 1996, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju, (C-87/94, Ġabra p. I-2043).

mogħti lil ATEL, li wasslet għal bidla fil-prattika tal-għoti tal-aċċess lin-netwerk. Skont l-ittri mehmuża mar-risposta tas-Slovakkja mill-President ta' URSO u l-President ta' SEPS, it-tnejn datati 10 ta' Lulju 2009 u miktuba fid-dawl ta' dawn il-proċeduri, ATEL ma għadx għandha aċċess prijoritarju għan-netwerk iżda mill-1 ta' Jannar 2008 bdiet tikseb il-kapaċità kollha tagħha permezz ta' rkant.

33. Il-Kummissjoni tissottometti li dan ma huwiex biżżejjed biex jiġi rrimedjat il-ksur għax il-Kuntratt bejn ATEL u SEPS għadu jeżisti. Hija tibbaża din l-affermazzjoni fuq il-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li prattika amministrattiva ma hijiex biżżejjed biex tikkoreġi l-ksur.

34. Fis-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li sempliċi prattika amministrattiva li, min-natura tagħha, hija kapaċi tinbidel kull meta jridu hekk l-awtoritajiet, ma teħlisx lill-Istat Membru mill-obbligu li jneħħi d-dispożizzjonijiet leġiżlattivi li jiksru l-liġi Komunitarja [13]. Skont dik il-ġurisprudenza, hija biss modifika tal-liġi nfisha li tista' tiżgura li l-ksur jiġi fi tmiemu.

35. F'din il-kawża, madankollu, il-ksur jirriżulta minn kuntratt irregolat mid-dritt privat Awstrijak bejn żewġ impriżi, u mhux minn dispożizzjoni leġiżlattiva jew regolamentari. Għaldaqstant, ma huwiex ċar liema miżuri legali għandha tieħu s-Slovakkja bħala Stat Membru fir-rigward tal-kuntratt għall-korrezzjoni tal-allegat ksur. Għaldaqstant, is-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Greċja ma tistax tapplika għal dan il-każ.

36. Din is-sitwazzjoni għaldaqstant tqajjem domandi interessanti dwar jekk l-Istat Membru għandux ukoll l-obbligu li jittermina kuntratt taħt id-dritt privat sabiex jikkoreġi ksur. Il-kwistjoni dwar jekk Stat Membru huwiex obbligat jittermina kuntratt meta l-Qorti tal-Ġustizzja ssib ksur ġiet diskussa l-iżjed fil-qasam tal-akkwist pubbliku [14]. Fil-fehma tiegħi, din il-ġurisprudenza hawn hija ta' rilevanza limitata peress li l-għan tal-leġiżlazzjoni dwar l-akkwist pubbliku huwa li jirregola kif isiru u jingħataw il-kuntratti mill-entitajiet pubbliċi jew bl-użu ta' fondi pubbliċi. Dan ma huwiex il-każ fil-qasam tad-distribuzzjoni tal-elettriku.

37. Apparti l-qasam tal-akkwist pubbliku, jidher li ma tantx huwa probabbli li Stat

13 — Sentenza tal-14 ta' Lulju 1998, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-38/87, Ġabra p. I-4415, punti 9, 10, 12 u 16).

14 — Sentenzi tal-10 ta' April 2003, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, (C-20/01 u 28/01, Ġabra p. I-3609), kif ukoll tat-28 ta' Ottubru 1999, Il-Kummissjoni vs L-Awstrija (C-328/96, Ġabra p. I-7479).

Membru għandu jkun obbligat jannulla kuntratt validu rregolat mid-dritt privat. Fil-fatt, tali azzjoni tmur kontra l-prinċipju taċ-ċertezza legali u tista' tikkastiga terzi partijiet innoċenti għal ksur imwettaq minn Stat Membru. Il-prinċipji tad-dritt Ewropew dwar il-kuntratti jgħidu li huwa biss f'każijiet eċċezzjonali li l-ksur tal-liġi jwassal awtomatikament għall-invalidità ta' kuntratt. Sabiex dan iseħħ, irid ikun hemm ksur serju biżżejjed ta' prinċipju ġenerali tal-liġi jew ta' dispożizzjoni legali vinkolanti [15].

38. Għandu jiġi osservat li anki kieku s-Slovakkja kienet parti fil-Kuntratt, fil-fehma tiegħi, ma kienx ikollha d-dritt li tirtira mill-Kuntratt mingħajr il-kunsens ta' ATEL. Mill-proċess jidher li ATEL insistiet fuq id-dritt tagħha li tistrieħ fuq il-Kuntratt [16].

B — *Hemm diskriminazzjoni skont id-Direttiva 2003/54?*

39. Il-Kummissjoni targumenta li l-fatt li parti mill-kapaċità ta' trażmissjoni tiġi rriżervata lil impriża jammonta għall-għoti ta' pożizzjoni privileġġata lil utent wieħed għad-dannu ta' oħrajn, li mbagħad tammonta għal diskriminazzjoni bejn impriżi differenti li jippruvaw jaċċedu għan-netwerk. Hija tibbaża din l-affermazzjoni fuq is-sentenza VEMW fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-Direttiva 96/92 tipprekludi miżuri li jagħtu kapaċità preferenzjali għat-trażmissjoni transkonfinali tal-elettriku meta dawn il-miżuri ma kinux awtorizzati mid-deroga stabbilita fl-Artikolu 24 ta' dik id-direttiva [17].

40. Is-Slovakkja targumenta li peress li ATEL għamlet kontribuzzjonijiet importanti għall-kostruzzjoni tal-linja ta' trasmissjoni Lemesany-Krosno, hija f'pożizzjoni differenti minn utenti oħra u t-trattament differenti mogħti lilha ma jammontax għal diskriminazzjoni.

41. Skont ġurisprudenza stabbilita, il-prinċipju ġenerali ta' trattament ugwali jeħtieġ li sitwazzjonijiet paragunabbli ma jiġux trattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jiġux trattati bl-istess mod, ħlief

15 — Artikoli 15:101 u 15:102. Ara http://frontpage.cbs.dk/law/commission_on_european_contract_law/Skabelon/pecl_engelsk.htm

16 — Ma hemm l-ebda spjegazzjoni fil-proċess dwar ir-raġuni għaliex il-Kuntratt ma għadux jiġi applikat bejn il-partijiet. Peress li ATEL ma hijiex parti f'dawn il-proċeduri, huwa impossibbli li nkunu nafu l-fehma tagħha dwar il-kwistjoni. Fil-fehma tiegħi, jista' jkun hemm raġunijiet ekonomiċi jew legali validi għalfejn ATEL ma titlobx l-applikazzjoni tal-kuntratt iżda fl-istess ħin lanqas ma tirrinunzja għad-drittijiet tagħha taħtu.

17 — Sentenza tas-7 ta' Ġunju 2005, VEMW, (C-17/03, Ġabra p. I-4983).

fil-każ li dan it-trattament ikun iġġustifikat oġġettivament [18].

42. L-aċċess prijoritarju għal 300 MW ta' kapaċità ta' trasmissjoni fuq il-linja ta' trasmissjoni Lemesany–Krosno jikkostitwixxi differenza fit-trattament bejn ATEL u impriżi oħra li jfittxu aċċess għan-netwerk. Għaldaqstant tqum il-kwistjoni jekk ATEL hijiex f'sitwazzjoni simili meta mqabbla ma' dawn l-impriżi l-oħra.

1. L-aċċess prijoritarju dejjem jammonta għal diskriminazzjoni? — Ir-raġunament fis-sentenza VEMW

43. Is-sentenza VEMW kienet tirrigwarda sitwazzjoni fejn porzjon mill-kapaċità tas-sistema transkonfinali għall-importazzjoni tal-elettriku fil-Pajjiżi l-Baxxi kien irriżervat għal entità li qabel kellha monopolju [Samenwerkende Elektriciteits Produktiebedrijven NV, li mbagħad saret magħrufa bħala Nederlands Elektriciteit Administratiekantoor BV (iktar 'il quddiem "SEP/NEA")]. SEP/NEA kienet inkarigata bit-twettiq ta' kompiti ta' interess ekonomiku ġenerali li l-għan tagħhom kien li jiżguraw il-provvista tal-elettriku fil-Pajjiżi l-Baxxi għall-finijiet tal-bejgħ bi prezzijiet raġonevoli. F'dan il-kuntest, SEP/NEA kienet ikkonkludiet, qabel id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 96/92, diversi kuntratti internazzjonali għall-importazzjoni tal-elettriku u għaldaqstant kellha bżonn il-kapaċità li kienet ġiet irriżervata għaliha. Fuq din il-bażi, ġie argumentat li din kienet f'pożizzjoni differenti minn operaturi oħra, u li għaldaqstant ma kienx hemm diskriminazzjoni.

44. B'mod impliċitu, il-Qorti tal-Ġustizzja rrifjutat dan l-argument, u qalet li peress li SEP/NEA ma kinitx għadha inkarigata b'dak il-kompitu, b'konsegwenza tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 96/92 u l-liġi nazzjonali rilevanti li ttrasponiet dik id-direttiva, kienet f'pożizzjoni simili għall-operaturi l-oħra.

45. Il-Qorti tal-Ġustizzja mbagħad ikkunsidrat il-kwistjoni jekk it-trattament differenti kienx iġġustifikat [19] u kkonkludiet li ma kienx. Għal dan il-għan, irriferiet għall-Artikolu 24 tad-Direttiva 96/92, li kienet tipprovdi għad-dritt ta' Stat Membru li jidderoga mid-dispożizzjonijiet ġenerali ta' dik id-direttiva. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li l-Istati Membri ma setgħux unilateralment japplikaw trattament differenti fil-konfront ta' importaturi tal-elettriku għal raġunijiet li kienu kapaċi jammontaw għal deroga taħt

18 — Sentenzi tat-12 ta' Marzu 2002, Omega Air *et* (C-27/00 u C-122/00, Ġabra p. I-2569, punt 79 u l-ġurisprudenza ċċitata); AEM u AEM Torino, (C-128/03 u C-129/03, Ġabra p. I-2861, punt 58 u l-ġurisprudenza ċċitata); tat-12 ta' Diċembru 2002, Rodríguez Caballero (C-442/00, Ġabra p. I-11915, punt 126); tad-9 ta' Settembru 2003, Milk Marque u National Farmers' Union, (C-137/00, Ġabra p. I-7975, punt 126) u tal-14 ta' April 2005; tal-20 ta' Settembru 1988, Spanja vs Il-Kunsill, (C-203/86, Ġabra p. 4563, punt 25); tas-17 ta' April 1997, EARL de Kerlast (C-15/95, Ġabra p. I-1961, punt 35); tat-13 ta' April 2000, Karlsson *et* (C-292/97, Ġabra p. I-2737, punt 39); tas-6 ta' Marzu 2003, Niemann, (C-14/01, Ġabra p. I-2279, punt 49).

19 — Sentenza VEMW, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 17, punt 54.

id-Direttiva 96/92, [20] peress li dan seta' kien ta' periklu għall-*effet utile* kemm tal-Artikolu 24 u tad-direttiva nfisha [21]. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja essenzjalment ikkonkludiet li d-diskriminazzjoni qatt ma tista' tkun iġġustifikata taħt id-direttiva sakemm ma tkunx ingħatat deroga. [22].

46. Ġie ssuġġerit li jekk din is-sentenza tiġi interpretata bħala li tistabbilixxi prinċipju ġenerali fejn aċċess prijoritarju dejjem jammonta għal diskriminazzjoni sakemm ma kienx hemm deroga, kif targumenta l-Kummissjoni, din tkun interpretazzjoni wiesgħa wisq u inopportuna.

47. L-ewwel kritika hija indirizzata lejn it-trattament ta' sitwazzjonijiet fejn deroga ma hijiex possibbli. Teknikament, ir-raġunament fis-sentenza VEMW ma jistax japplika għal sitwazzjonijiet fejn deroga ma hijiex possibbli, u b'hekk joħloq vojt fiż-żmien u jwassal għal trattament diskriminatorju bejn l-investituri skont iż-żmien li fih sar l-investiment. Għaldaqstant, l-investimenti li saru qabel l-iskadenza tad-dispożizzjoni ta' deroga fid-Direttiva 96/92 (jiġifieri, l-20 ta' Frar 1998) u dawk li saru wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament Nru 1228/2003 (jiġifieri, l-1 ta' Lulju 2004) jistgħu jkunu eżenti mid-dispożizzjonijiet ta' diskriminazzjoni, filwaqt li l-investimenti magħmula bejn dawk id-dati ma jkunux. Ġie indikat, ġustament, li dan iwassal għal riżultat stramb [23].

48. It-tieni kritika tirrigwarda l-fatt li jista' jkun hemm raġunijiet tajba biex investituri indipendenti jiġu ttrattati b'mod differenti minn impriżi oħra li jfittxu aċċess għal-linji ta' trażmissjoni tal-elettriku. L-investimenti huma importanti fis-settur tal-enerġija, għax dak is-settur jirrikjedi l-kostruzzjoni ta' linji ta' trażmissjoni ġodda kif ukoll żviluppi ta' teknoloġiji eżistenti [24]. It-twettiq ta' dawn il-proġetti jinvolvi wkoll ħafna spejjeż [25]. Peress li n-netwerks tal-elettriku huma monopolji naturali [26] huwa mixtieq mill-aspett tal-liberalizzazzjoni tas-suq li l-impriżi esterni jinvestu fin-netwerks għax dan jgħin ukoll it-tkissir ta' dawk li qabel kienu monopolji. Barra minn hekk, il-Kummissjoni diġà ddeċidiet li l-fatt l-kapaċità tiġi rriżervata sabiex jiġi żgurat l-investiment ma humiex

20 — Sentenza VEMW, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 17, punt 61.

21 — Sentenza VEMW, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 17, punti 58, 61, 62 u 63.

22 — Dan huwa l-mod kif il-Kummissjoni tidher li interpretat is-sentenza VEMW. Ara d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni fuq is-sentenza C-17/03 tas-7 ta' Ġunju 2005 tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej SEC (2006) 547, 26 ta' April, 2006.

23 — K. Talus, "Role of the European Court of Justice in the Opening of Energy Markets", ERA Forum (2007) 8, p 435.

24 — Ara, pereżempju, il-pjan ta' investiment ta' 10 snin mifrux madwar l-Ewropa stabbilit fir-Regolament Nru 1228/2003.

25 — K. Talus and T. Wälde, "Electricity interconnectors in EU law: energy security, long term infrastructure contracts and competition law", *European Law Review* (2007) Vol. 32, No.1, p. 133.

26 — D. Helm, *Energy, the State and the Market — British Energy Policy since 1979* (OUP, 2003), p. 407.

anti-kompetittiv taħt l-Artikolu Article 81 KE u lanqas ma jikser l-Artikolu 82 KE [27].

49. Filwaqt li naqsam dan it-tħassib, fil-fehma tiegħi r-raġunament adottat fis-sentenza VEMW jikkorrispondi iktar mal-loġika tas-sistema sħiħa tal-liberalizzazzjoni tas-suq li l-leġiżlatura qed tfittex fil-qasam tal-politika tal-enerġija.

50. L-għan tal-politika tal-enerġija tal-UE huwa l-ftuħ tas-swieq, żieda fil-kompetizzjoni u l-ħolqien ta' kundizzjonijiet ugwali billi ma jingħatax iżjed trattament preferenzjali lil dawk li qabel kienu monopolji [28]. Il-prinċipju tal-aċċess ugwali huwa kruċjali biex jintlaħaq dan l-għan [29].

51. L-għan tal-liberalizzazzjoni, madankollu, għandu jkun ibbilanċjat mal-bżonn li jiġu mħeġġa l-investimenti fis-settur tal-enerġija [30], għax dan huwa partikolarment importanti biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista fl-UE [31].

52. Fil-fehma tiegħi, l-għan li jiġu mħeġġa l-investimenti ma huwiex ippreġudikat bid-deċiżjoni fis-sentenza VEMW jew bid-Direttiva 2003/54, għax dawn ma jipprovdux għal projbizzjoni totali ta' diskriminazzjoni [32]. Fil-fatt, il-leġiżlatura kkunsidrat il-bżonn li f'ċerti ċirkustanzi jiġu protetti l-investimenti taħt id-Direttiva 2003/54 [33]. Għaldaqstant, l-Artikolu 7 tar-Regolament 1228/2003 jistipula li interkonnetturi ġodda jistgħu, fuq talba, jiġu eżentati mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 20 tad-Direttiva 2003/54 taħt il-kundizzjonijiet imsemmija f'dak l-artikolu. Għall-finijiet tar-regolament, l-interkonnetturi huma ddefiniti bħala linji

27 — Viking Cable (ĠU 2001 C 247, p. 11). Ara wkoll il-Kummissjoni, Ir-Rapport XXXIII dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni (2003), p. 202.

28 — Premessi 1 sa 5 tad-Direttiva 2003/54. Ara wkoll is-sentenzi tat-22 ta' Mejju 2008, citiworks (C-439/06, Ġabra p. I-3913, punt 38) u tad-9 ta' Ottubru 2008, Sabatauskas *et* (C-239/07, Ġabra p. I-7523, punt 31).

29 — Ara l-Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Stix-Hackl fis-sentenza VEMW, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 17, punt 58.

30 — Ara, *inter alia*, il-Green Paper tal-Kummissjoni "A European Strategy for Sustainable, Competitive and Secure Energy", 08.03.2006, (COM) 2006 105 finali, fejn il-Kummissjoni tgħid li l-politika tal-enerġija tal-UE għandha l-għan li tistabbilixxi suq intern tal-enerġija li hu integrat, sostenibbli, kompetittiv u bla periklu.

31 — Għaldaqstant, id-Direttiva 2005/89/KE, tat-18 ta' Jannar 2006, dwar miżuri għas-salvagwardja tas-sigurtà fil-provvista tal-elettriku u tal-investiment fl-infrastruttura (ĠU 2006 L 33, p. 22) għandha l-għan speċifiku li tiżgura investiment xieraq fil-kapaċità tal-ġenerazzjoni tal-elettriku sabiex jiġi żgurat bilanċ xieraq bejn il-provvista u d-domanda.

32 — Huwa wkoll interessanti li wieħed josserva li d-Direttiva 2009/72, id-direttiva l-ġdida li tħassar id-Direttiva 2003/54 fiha dispożizzjonijiet speċifiċi għat-titjib fil-koordinazzjoni tal-ippjanar tal-investiment fl-UE bejn Stati Membri (ara l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament 2007/0195 COD).

33 — Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1228/2003 li japplika mill-1 ta' Lulju 2004.

tat-trażmissjoni li jaqsmu fruntiera bejn l-Istati Membri [34].

53. Għaldaqstant, is-sistema tippermetti trattament differenti f'ċerti każijiet, għalkemm f'qafas li finalment huwa taħt il-kontroll tal-Kummissjoni. Taħt il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1228/2003, l-awtorità regolatorja tista' fuq bażi ta' każ b'każ tiddeċiedi li tagħti eżenzjoni mill-Artikolu 20 tad-Direttiva 2003/54 fil-każ ta' investimenti f'interkonnetturi ġodda tal-kurrent dirett. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu li dawn l-awtoritajiet regolatorji għandhom jissottomettu, għal deċiżjoni formali, lill-korp rilevanti fl-Istat Membru, l-opinjoni tagħhom dwar it-talba għal eżenzjoni [35]. Id-deċiżjoni tal-eżenzjoni mbagħad tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni, sabiex tkun tista' teżaminaha. Wara li teżamina n-notifika, il-Kummissjoni tista' titlob lill-awtorità regolatorja tal-Istat Membru biex temenda jew tirtira d-deċiżjoni li tagħti eżenzjoni [36].

54. Għaldaqstant, fil-fehma tiegħi, ir-regola ġenerali li l-aċċess prijoritarju ma huwiex awtorizzat sakemm ma jkunx permess minn deroga korrispondenti hija mod tajjeb ta' kif il-liberalizzazzjoni tas-suq tiġi bbilanċjata mal-bżonn li jiġu attirati u protetti l-investimenti, u hija dak li riedet il-leġiżlatura.

2. Il-każ ta' ATEL u investituri indipendenti

55. B'konsegwenza ta' dan, l-argument tas-Slovakkja li l-investituri huma f'sitwazzjoni differenti ma jistax jirnexxi.

56. Dan huwa hekk minkejja li din il-konklużjoni għandha konsegwenzi iżjed serji għall-kumpannija f'din il-kawża milli fil-kawża VEMW. F'dak il-każ, SEP/NEA setgħet tbiegħ barra mill-Pajjiżi l-Baxxi l-elettriku li ntrabtet li tixtri taħt il-kuntratti internazzjonali [37], filwaqt li ATEL ma tistax b'mod raġonevoli tiddisponi mid-drittijiet kuntrattwali tal-aċċess prijoritarju f'dan il-każ għax ikunu tilfu l-valur tagħhom.

57. Madankollu, li l-investituri jitħallew jiġu ttrattati b'mod differenti jfisser li grupp żgħir ta' impriżi jitħallew jixtru aċċess prijoritarju,

34 — Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 1228/2003.

35 — Artikolu 7(4)(a) tar-Regolament Nru 1228/2003.

36 — Artikolu 7(5) tar-Regolament Nru 1228/2003.

37 — Sentenza VEMW, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 17, punt 83. Il-Qorti tal-Ġustizzja rreferiet ukoll għall-possibbiltà li l-operatur nazzjonali jfittex kumpens mill-awtoritajiet għar-raġuni li ma kienx talab deroga skont l-Artikolu 24 tad-Direttiva 96/92 (ara l-punt 86).

li jmur kontra l-għanijiet proprji tad-Direttiva 2003/54 u tal-politika tal-enerġija tal-UE b'mod ġenerali.

58. ATEL hija sempliċement impriża oħra li qed tfittex aċċess għan-netwerk għall-finijiet tat-trażmissjoni tal-elettriku lill-klijenti tagħha. Għaldaqstant qiegħda tikkompeti ma' numru ta' bejjiegħa tal-elettriku potenzjali oħra u għalhekk għandha titqies li hija f'sitwazzjoni paragunabbli magħhom.

59. Għaldaqstant, fil-fehma tiegħi, it-trattament prijoritarju f'dan il-każ jammonta għal diskriminazzjoni fis-sens tad-Direttiva 2003/54 u huwa meħtieġ li jiġi kkunsidrat jekk dan it-trattament huwiex iġġustifikat.

*Ċ - Ġustifikazzjoni*

3. It-Trattat tal-Karta tal-Enerġija

60. Id-difiża ewlenija tas-Slovakkja għall-aċċess privileġġjat mogħti lil ATEL hija l-obbligi li jirriżultaw mit-Trattat tal-Karta tal-Enerġija. Tgħid, korrettament, li d-Direttiva 2003/54 għandha tiġi interpretata skont l-obbligi tal-UE li jirriżultaw mit-Trattat tal-Karta tal-Enerġija [38]. Barra minn hekk, peress li t-Trattat tal-Karta tal-Enerġija huwa ftehim imħallat, l-UE hija legalment marbuta bl-obbligi tat-trattament ġust u ekwu u nuqqas ta' esproprjazzjoni li jinsabu fih u li jixbhu d-dispożizzjonijiet sostantivi tal-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investimenti.

61. Madankollu, fil-fehma tiegħi, id-dispożizzjonijiet dettaljati li hemm fid-Direttiva 2003/54 u li ġew interpretati fid-dettall fis-sentenza VEMW ma jistgħux jipprevalu fuq id-dispożizzjonijiet iżjed ġenerali li hemm fit-Trattat tal-Karta tal-Enerġija [39]. Dan huwa iżjed veru għal interpretazzjoni li għandha l-għan li tistabbilixxi eżenzjoni retroattiva għad-dispożizzjonijiet fuq in-nondiskriminazzjoni li d-Direttiva 2003/54 ma tippermettix.

62. Imbagħad jifdal il-kwistjoni tal-obbligi li l-UE għandha direttament bħala parti kontraenti fit-Trattat tal-Karta tal-Enerġija.

63. Fil-fehma tiegħi, it-Trattat tal-Karta tal-Enerġija ma joffrix iżjed protezzjoni lill-investitur mill-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investimenti. Il-leġiżlazzjoni tal-UE fir-rigward tal-enerġija kif tinsab taħt id-Direttiva 2003/54 u r-Regolament Nru 1228/2003 ma tistax tiġi kkunsidrata bħala li ma tissodisfax l-istandards meħtieġa

38 — Sentenza tal-10 ta' Settembru 1996, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-61/94, Ġabra p. I-3989, punt 52).

39 — Sentenza tas-16 ta' Lulju 1998, Scotch Whisky Association (C-136/96, Ġabra p. I-4571, punt 47).

mit-Trattat tal-Karta tal-Enerġija sa fejn huma kkonċernati l-investimenti li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni *ratione temporis* ta' dawn l-atti leġiżlattivi. Barra minn hekk, fir-rigward tat-tgawdija u l-protezzjoni tal-investimenti, il-livell ġenerali tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali pprovduta mid-dritt tal-UE tagħti protezzjoni lill-investituri li tissodisfa l-obbligi li jirriżultaw mill-Artikoli 10(1) u 13(1) tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija [40].

64. F'din il-kawża, peress li l-Kuntratt huwa protett mill-Artikolu 307(1) KE, kif se nuri iktar 'il quddiem, l-UE ma hijiex qed taġixxi kuntrarjament għall-obbligi tagħha taħt it-Trattat tal-Karta tal-Enerġija fir-rigward ta' ATEL. Għaldaqstant, ma jidhirx li huwa neċessarju li tiġi analizzata iżjed l-interpretazzjoni tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija.

4. Deroga

65. Il-Kummissjoni tgħid li s-Slovakkja jmissha nnegozjat deroga fir-rigward tal-kuntratt fl-Att ta' Adeżjoni tagħha.

66. Fil-fehma tiegħi, madankollu, is-Slovakkja ma setgħetx tkun mistennija li tinnegozja deroga għal dispożizzjoni li l-istatus tagħha ma kienx ċert taħt id-dritt tal-UE. Ma kienx ċar fiż-żmien tal-adeżjoni li t-trattament prijoritarju jammonta għal diskriminazzjoni skont it-tifsira tad-Direttiva 2003/54. Fiż-żmien meta t-Trattat ta' Adeżjoni kien qed jiġi nnegozjat, is-sentenza VEMW kienet għadha ma ngħatatx [41]. Fis-sentenza VEMW, il-Kummissjoni kif ukoll il-Gvernijiet tal-Pajjiżi l-Baxxi, ta' Franza u tal-Finlandja kienu tal-fehma li l-miżuri tal-aċċess prijoritarju inkwistjoni f'dik il-kawża ma kinux jammontaw għal diskriminazzjoni [42]. Barra minn hekk, fir-Rapport tal-Kompetizzjoni annwali tagħha għall-2003, il-Kummissjoni jidher li ħadet il-pożizzjoni li l-kuntratti ta' qabel il-liberalizzazzjoni kienu validi, minkejja li qajjmu problemi ta' kompetizzjoni. [43] Ma huwiex probabbli li l-Istati Membri u l-Kummissjoni kienu jaqblu dwar deroga għall-istat kandidat fin-negozjati tal-adeżjoni jekk dik id-deroga kienet tadotta interpretazzjoni tal-*acquis communautaire* li dak iż-żmien ma kinux jaqblu dwarha.

67. Min-naħa l-oħra, jekk il-Kuntratt huwa protett taħt l-Artikolu 307(1) KE, l-ispekulazzjoni relatata man-negozjati

40 — Fir-rigward tal-protezzjoni tal-investiment ta' ATEL, ma naħsibx li jkun hemm din is-suċċessjoni tal-obbligi bejn is-Slovakkja u l-UE li din tal-aħħar ikollha obbligi speċifiċi taħt it-Trattat tal-Karta tal-Enerġija lejn investitur li għamel l-investiment fit-territorju ta' parti kontraenti qabel l-adeżjoni tagħha mal-UE.

41 — It-Trattat ta' Adeżjoni, li jinkludi l-Att ta' Adeżjoni, ġie ffirmat fis-16 ta' April 2003. Is-sentenza VEMW ingħatat mill-Awla Manja fis-7 ta' Ġunju 2005.

42 — Punt 39.

43 — Il-Kummissjoni, Ir-Rapport XXXIII dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni (2003), p. 202.

tal-adeżjoni issir irrelevanti għax f'dak il-każ is-Slovakkja ma kienx ikollha bżonn ta' eżenzjoni.

## C — *Artikolu 307 KE: L-obbligi internazzjonali kkuntrattati qabel l-adeżjoni*

68. Il-Kummissjoni ssostni li ma hemm ebda obbligu li jirriżulta minn ftehim ta' qabel l-adeżjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 307 KE u li għalhekk dan ma jistax ammonta għal ġustifikazzjoni għat-trattament diskriminatorju favur ATEL.

### 1. Il-kuntratt ATEL/SEPS huwa investiment li jista' jiġi protett taħt il-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investimenti?

69. Il-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investimenti japplika għal investimenti, iddefiniti bħala "kull xorta ta' beni" u lista mhux eżawrjenti ta' eżempji oħra possibbli ta' x'jista' jikkostitwixxi investiment, li tinkludi "pretensjonijiet u drittijiet għal kull prestazzjoni li għandha valur ekonomiku" [44].

70. F'din il-kawża, ATEL kisbet dritt li tittrażmetti ammont definit ta' kapaċità fuq il-linja Lemesany-Krosno billi tħallas iżjed minn nofs l-ispejjeż tal-kostruzzjoni, bi prezz li jiġi kkalkulat skont id-dispożizzjonijiet tal-Kuntratt. Inkambju, SEPS hi meħtieġa li tagħti din il-kapaċità lil ATEL meta hija tirrikjedi dan, jiġifieri, li tipprovdi servizz ta' operatur ta' sistema tat-trażmissjoni fuq bażi preferenzjali. Dan id-dritt li kisbet ATEL għandu valur ekonomiku peress li jiggarantixxi aċċess għan-netwerk tat-trażmissjoni Slovakk li għandha bżonn sabiex tkun kapaċi tbiegħ l-elettriku mill-/vija l-Ungerija għall-Polonja.

71. Għaldaqstant, jista' jitqies bħala investiment skont it-tifsira tal-Artikolu 1(ċ) tal-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investimenti.

### 2. Il-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investimenti jwassal għal obbligu skont it-tifsira tal-Artikolu 307 KE?

72. L-Artikolu 307 KE għandu l-għan li jilħaq bilanċ bejn, minn naħa l-waħda, id-drittijiet ta' pajjiżi terzi qabel l-adeżjoni [taħt l-Artikolu 307(1) KE], u, min-naħa l-oħra, ir-rimedjar tal-inkompatibbiltà mat-Trattat tal-UE li jistgħu jqajmu minħabba l-obbligu li għandhom l-Istati Membri li jieħdu l-passi kollha meħtieġa sabiex jiġu eliminati l-inkompatibbiltajiet bejn ftehim

44 — L-Artikolu 1(2)(ċ) tal-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investimenti.

ta' qabel l-adeżjoni u l-obbligi imposti mill-UE [taħt l-Artikolu 307(2) KE][45]. L-iżjed ġurisprudenza reċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja ttrattat dan l-obbligu tal-aħħar li hemm fl-Artikolu 307(2) KE.[46] Din il-kawża, madankollu, tiffoka biss fuq l-Artikolu 307(1) KE, peress li l-Kummissjoni ma qajmitx l-Artikolu 307(2) KE.

73. Skont l-Artikolu 307(1) KE, id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn ftehim konkluż qabel id-data tal-adeżjoni ta' Stat Membru bejnu u Stat terz ma għandhomx jintlaqtu mid-dispożizzjonijiet tat-Trattat[47]. Għaldaqstant, din id-dispożizzjoni ssolvi l-kunflitti bejn iż-żewġ obbligi inkompatibbli favur l-obbligu preċedenti u b'hekk tikkodifika l-prinċipju tad-dritt internazzjonali li trattat sussegwenti li huwa f'kunflitt ma' trattat preċedenti ma jistax legalment jaffetwa d-drittijiet ta' Stat li hu biss parti fit-trattat preċedenti[48].

74. Għalkemm l-Artikolu 307(1) KE jsemmi biss l-obbligi tal-Istati Membri, ma jiksibx l-għan tiegħu jekk ma jkunx jimplika wkoll obbligu fuq l-istituzzjonijiet tal-Komunità li ma jfixklux it-twettiq tal-obbligi tal-Istati Membri li jirriżultaw minn ftehim preċedenti[49].

75. Barra minn hekk, l-Artikolu 307(1) KE ma għandux l-effett li jagħti lill-indivdiwi li jibbażaw ruħhom fuq ftehim ta' qabel l-adeżjoni drittijiet li l-qrati nazzjonali tal-Istati Membri għandhom jissalvagwardjaw u lanqas ma jaffetwa negattivament id-drittijiet li l-individwi jistgħu jiksbu minn tali ftehim[50].

76. F'dan il-każ, huwa ċar li s-Slovakkja għandha obbligi lejn l-Isvizzera skont il-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investimenti biex tipproteġi l-investimenti magħmula mill-investituri Svizzeri fis-Slovakkja. Barra minn hekk, il-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investimenti b'mod ċar jagħti wkoll drittijiet taħt id-dritt internazzjonali lill-investituri, li huma intitolati jinvokaw il-klawżola ta' arbitraġġ inkluża fih kontra parti kontraenti

45 — Sentenza tal-4 ta' Lulju 2000, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-62/98, Ġabra p. I-5171, punt 50).

46 — Ara pereżempju s-sentenzi tat-3 ta' Marzu 2009, Il-Kummissjoni vs L-Awstrija (C-205/06, Ġabra p. I-1301); Il-Kummissjoni vs L-Isvezja (C-249/06, Ġabra p. I-1335); tad-19 ta' Novembru 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Finlandja (C-118/07, Ġabra p. I-10889).

47 — Ara wkoll is-sentenza tat-3 ta' Marzu 2009, Il-Kummissjoni vs L-Awstrija (C-205/06, Ġabra p. I-1301, punt 33) u l-ġurisprudenza ċċitata fiha (is-sentenzi tal-14 ta' Ottubru 1980, Burgoa, 812/79, Ġabra p. 2787, punt 8; tal-4 ta' Lulju 2000, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, C-84/98, Ġabra p. I-5215, punt 53, kif ukoll tat-18 ta' Novembru 2003, Budějovický Budvar, C-216/01, Ġabra p. I-13617, punti 144 u 145).

48 — L-Artikolu 34 tal-Konvenzjoni ta' Vjenna.

49 — Sentenza Burgoa, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 47, punt 9.

50 — Sentenza Burgoa, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 47, punt 10. Il-prinċipju tan-"nuqqas ta' interferenza" ġie ddikjarat b'mod ċar mill-Avukat Ġenerali Capotorti fil-Konklużjonijiet tiegħu (p.2) meta ddikjara "[...] li l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 234 ma jżid xejn mal-pożizzjoni ġuridika oriġinali tad-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn ftehim preċedenti bejn l-Istati Membri u pajjiżi mhux membri u li tali drittijiet u obbligi jibqgħu kompletament barranin għad-dritt Komunitarju. Finalment, anki kieku d-dispożizzjoni li qed tiġi kkunsidrata ma ddaħħlitx fit-Trattat, il-pożizzjoni legali pre-eżistenti tar-relazzjonijiet ma' stati mhux membri xorta ma kinitx tinbidel".

b'mod indipendenti mill-effetti legali li l-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investimenti għandu fl-ordinamenti legali domestiċi tal-partijiet kontraenti u mingħajr il-ħtieġa li tintalab protezzjoni diplomatika taħt id-dritt internazzjonali pubbliku.

77. Peress li d-drittijiet tal-partijiet privati li jirriżultaw minn ftehim internazzjonali ta' qabel l-adeżjoni ma humiex affetwati, jekk is-Slovakkja għandha obbligi skont il-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investimenti fir-rigward ta' ATEL li ma jistgħux jiġu sodisfatti jekk is-Slovakkja tapplika d-Direttiva 2003/54 kif ġiet interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza VEWM, allura s-Slovakkja għandha difiża taħt l-Artikolu 307(1) KE, u t-trattament diskriminatorju b'hekk ikun iġġustifikat.

78. Il-Kummissjoni ssostni, l-ewwel nett, li ma hemmx kunflitt bejn id-dritt tal-UE u l-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investimenti nnifsu għax ma hemm xejn fil-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investimenti li huwa inkompatibbli mad-dritt tal-UE. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tiċħad li hemm obbligu bħal dan li jirriżulta mill-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investimenti peress li s-Slovakkja ma hijiex obbligata żżomm fis-seħħ il-kuntratt skont il-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investimenti. Hija ssostni

li t-terminazzjoni tal-kuntratt mhux se jammonta għal (i) ksur tad-dispożizzjoni dwar it-trattament ġust u ekwu tal-investimenti fil-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investimenti jew (ii) esproprjazzjoni taħt il-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investimenti.

79. B'mod ġenerali, il-Qorti tal-Ġustizzja ma hijiex kompetenti li tinterpreta l-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investimenti. Dan il-kompitu jaqa' esklużivament taħt il-kompetenza tat-tribunali tal-arbitraġġ li għandhom jiġu stabbiliti minn parti kontraenti u investitur ta' parti kontraenti oħra skont l-Artikolu 9 tal-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investimenti jew mill-partijiet kontraenti skont l-Artikolu 10. L-istess jgħodd għall-intepretazzjoni tal-kuntratt. Barra minn hekk, il-klawżoli tal-arbitraġġ tal-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investimenti u l-Kuntratt joħolqu wkoll ir-riskju li l-konklużjonijiet ta' tribunal tal-arbitraġġ kompetenti li janalizza dawn id-dispożizzjonijiet ikunu differenti minn dawk li tasal għalihom il-Qorti tal-Ġustizzja.

80. Għall-finijiet ta' dawn il-proċeduri għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha, madankollu, tadotta ċerta "rikostruzzjoni interpretattiva" tal-elementi tas-sitwazzjoni legali maħluqa minn dawn l-impriżi, sabiex jiġi ddeterminat jekk hemmx obbligu skont it-tifsira

tal-Artikolu 307(1) KE [51]. Madankollu, għall-Qorti tal-Ġustizzja, dawn l-elementi legali jidhru bħala fatti relatati mal-allegat ksur, mhux bħala normi legali li għandhom jiġu interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja.

81. Meta l-Qorti tal-Ġustizzja tkun meħtieġa li tinterpreta ftehim internazzjonali, tagħmel dan bi qbil mal-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni ta' Vjenna. Skont l-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni ta' Vjenna, trattat għandu jiġi interpretat *in bona fide* fis-sens ordinarju li għandu jingħata lit-termini tat-trattat fil-kuntest tagħhom u fid-dawl tal-għan u s-suġġett tiegħu. F'dan ir-rigward, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni, flimkien mal-kuntest, kull regola rilevanti tad-dritt internazzjonali applikabbli fir-relazzjonijiet bejn il-partijiet.

82. Skont l-Artikolu 31(4) tal-Konvenzjoni ta' Vjenna, fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' ftehim internazzjonali, huwa importanti wkoll li tiġi kkunsidrata kwalunkwe tifsira speċjali li l-partijiet kellhom l-intenzjoni li jagħtu lil terminu. F'dan il-każ, huwa ċar li l-partijiet fil-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investimenti kellhom l-intenzjoni li jagħtu lill-kliem fil-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investimenti it-tifsira li ġiet attribwita lilhom mit-tribunali tal-arbitraġġ u miċ-Ċentru Internazzjonali għas-Soluzzjoni tat-Tilwim dwar l-Investiment ("ICSID") peress li l-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investimenti jagħmel riferiment ċar għas-soluzzjoni tat-tilwim minn tribunal tal-arbitraġġ stabbilit skont il-proċedura stabbilita fil-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investimenti jew billi jiġi sottomess tilwim lill-ICSID [52]. Għalkemm fi proċeduri arbitrali ma hemm l-ebda duttrina distinta ta' preċedent vinkolanti, it-tribunali tal-arbitraġġ normalment jagħmlu riferiment għal deċiżjonijiet ta' tribunali oħra fid-deċiżjonijiet tagħhom.

83. L-għan tal-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investimenti, kif inhu ddikjarat fil-preambolu tiegħu, huwa li joħloq u jżomm kundizzjonijiet favorevoli għall-investimenti, kif ukoll li jippromwovi u jipproteġi dawn l-investimenti. Barra minn hekk, l-Artikolu 3 tal-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investimenti b'mod ċar jgħid li l-partijiet kontraenti għandhom jippromwovu l-investimenti fit-territorju tagħhom.

84. L-Artikolu 4 tal-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investimenti jgħid kif l-investimenti għandhom jiġu ttrattati u protetti, ladarba jiġu ammessi. Relatati mal-protezzjoni tal-investimenti, hemm id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-każijiet ta' konfiska, kif jiddisponi l-Artikolu 6 tal-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investimenti. Issa se neżamina kull wieħed minn dawn l-artikoli.

51 — Ara s-sentenza tat-2 ta' Awwissu 1993, Levy (C-158/91, Ġabra p. I-4287) fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li sabiex jiġi ddeterminat jekk regola Komunitarja tistax titlef l-effett tagħha permezz ta' ftehim pre-Komunitarju "huwa meħtieġ li jiġi eżaminat jekk il-ftehim jimponix fuq l-Istat Membru kkonċernat obbligi li t-twettiq tagħhom jista' jkun għadu meħtieġ minn pajjiżi mhux membri li huma partijiet fih" (punt 13). Ara wkoll is-sentenza tal-14 ta' Jannar 1997, Centro-Com (C-124/95, Ġabra p. I-81, punt 57), u tal-10 ta' Marzu 1998, T. Port (C-364/95 u C-365/95, Ġabra p. I-1023, punt 60).

52 — Artikolu 9(3) tal-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investimenti.

a) "Trattament ġust u ekwu" taħt l-Artikolu 4 tal-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investimenti

85. B'rabta mal-Artikolu 4 tal-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investimenti, il-Kummissjoni tgħid li ATEL ma kellhiex aspettattiva leġittima li l-qafas legali nazzjonali ma kienx se jinbidel. B'mod partikolari, imissha kienet konxja tal-fatt li s-Slovakkja kienet se tissieħeb mal-UE, peress li kienet diġà kkonkludiet il-ftehim Ewropew u ppreżentat it-talba tagħha għall-adeżjoni.

86. Is-Slovakkja targumenta li fiż-żmien meta għamlet l-investiment fl-1997, ATEL ma setgħetx tipprevedi d-data li fiha s-Slovakkja kienet se tissieħeb. Fi kwalunkwe każ, ma stennietx li kienet se tiġi mċaħħda mill-investiment tagħha, b'mod partikolari peress li l-politika tal-UE f'dak iż-żmien kienet tindika x-xewqa tagħha li tiżviluppa l-kapaċitajiet tat-trażmissjoni tal-elettriku, inkluż barra mill-Ewropa, b'konsegwenza tad-Direttiva 90/547/KEE [53].

87. Huwa minnu li l-kronoloġija tal-adeżjoni tas-Slovakkja kienet differenti minn dik tal-pajjiżi l-oħra li ssieħbu fl-istess żmien. Is-Slovakkja ffirmat il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni fl-4 ta' Ottubru 1993, u l-Prim Ministru Slovakk bagħat l-applikazzjoni lill-UE fil-Laqgħa tal-Kunsill Ewropew f'Canness fis-27 ta' Ġunju 1995. Madankollu, kien biss matul il-Kunsill Ewropew ta' Helsinki f'Diċembru 1999 li s-Slovakkja ġiet mistiedna tibda n-negozjati biex tidħol fl-UE. Dan kien iżjed tard mid-data meta l-ewwel grupp ta' Stati kandidati li ssieħbu mal-UE fl-istess żmien bħas-Slovakkja ġew mistiedna jibdew in-negozjati [54].

88. Din il-kronoloġija tista' tissuġġerixxi li fl-1997, l-investitur ma setax ikun ċert jew jantiċipa jekk u f'liema data s-Slovakkja kienet se tissieħeb mal-UE, peress li l-pożizzjoni tagħha kienet għadha mhix ċerta.

89. Minkejja dan, ATEL xorta waħda missha antiċipat li l-qafas legali nazzjonali ma kienx se jibqa' l-istess?

90. Il-kliem letterali tal-Artikolu 4 tal-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investimenti jindika li meta jipproteġi l-investimenti, l-Istat ospitanti ma għandux ifixkel l-investimenti permezz ta' miżuri mhux raġonevoli jew diskriminatorji. Barra minn hekk, l-investimenti għandhom jiġu ttrattati mill-Istat ospitanti b'mod ġust, u mhux inqas favorevoli minn investimenti magħmula mill-investituri tiegħu stess.

53 — Direttiva tal-Kunsill 90/547/KEE, tad-29 ta' Ottubru 1990 dwar it-transitu ta' elettriku minn grids ta' trasmissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 12, Vol. 1, p. 147).

54 — Il-Kunsill Ewropew tal-Lussemburgu ddeċieda f'Diċembru 1997 li n-negozjati dwar l-adeżjoni għandhom jibdew fl-1998 ma' sitt pajjiżi kandidati (ir-Repubblika Ċeka, Ċipru, l-Estonja, l-Ungerija, il-Polonja u s-Slovenja). Konklużjonijiet tal-Presidenza — Kunsill Ewropew tal-Lussemburgu, 12-13 ta' Diċembru 1997: Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 16.04.2004, SN400/97. Aċċessibbli minn http://ue.eu.int/en/info/eurocouncil/.

91. Il-livell ta' protezzjoni li joffri l-Artikolu 4 b'mod ġenerali, fil-fehma tiegħi, ma jindikax li l-qafas legali u tan-negozju qatt ma hu se jinbidel qatt, iżda sempliċement li t-tibdil ma jmissux ikun arbitrarju, u ma jmissux jaffetwa lill-investitur barrani b'mod mhux raġonevoli u diskriminatorja meta mqabbel mal-investituri nazzjonali li jagħmlu l-investimenti fit-territorju.

92. Din il-konklużjoni tidher li hi appoġġjata mill-prattika arbitrali. B'mod ġenerali, jeżisti obbligu li ma jinbidilx l-ambjent legali u tan-negozju li fih ikun sar l-investiment [55]. Madankollu, fil-kuntest tal-investimenti f'pajjiż li għaddej minn tranżizzjoni mill-passat komunist tiegħu, it-tribunali tal-arbitraġġ iddeċiedew li l-investitur ma għandu l-ebda aspettattivi leġittimi li l-liġijiet ma mhumiex se jinbidlu [56] . F'dawn is-sitwazzjonijiet, l-investitur jista' jkun mistenni li jnaqqas l-espożizzjoni tiegħu għall-ambjent legali mhux stabbli billi jinkludi klawżola ta' stabilizzazzjoni jew xi dispożizzjoni oħra li tipproteġih minn bidliet li ma humiex mixtieqa. Nuqqas li dan isir jista' jwassal għall-konklużjoni li l-investitur ħa r-riskju kummerċjali kkalkolat li jaċċetta li jista' jiġi kkonfrontat b'bidla fil-liġi li huwa possibili li tkun jew li aktarx li tkun ta' ħsara għall-interessi u l-investiment tiegħu [57].

93. Minn dawn il-każijiet jidher li l-bidliet fil-liġijiet għandhom isiru speċifikament biex jippreġudikaw l-investiment [58], sakemm ma tkunx saret wegħda kuntrarja mill-Istat li ħeġġet lill-investitur biex jinvesti.

94. Madankollu, minkejja dan, m'iniex konvint li l-bidla fil-qafas legali li ġiet ikkonfrontata biha ATEL hija raġonevoli, peress li hija kkonfrontata bit-theddida li l-korrispettiv mogħti għall-investiment tagħha jixxejjen għalkollox.

95. Biex jingħata eżempju ta' bidla fil-qafas legali li għaliha investitur privat ma huwiex protett, wieħed jista' jsemmi sitwazzjoni fejn

55 — Ara, pereżempju, Occidental Exploration and Production Company vs Ir-Repubblika tal-Ekwador, Deċiżjoni Finali, Qorti ta' Londra tal-Arbitraġġ Internazzjonali, Każ Amministrat Nru NU 3467.

56 — F'Parkerings-Compagniet vs Ir-Repubblika tal-Litwanja (Każ ta' Arbitraġġ ICSID Nru ARB/05/8) il-fatti rilevanti seħħew bejn l-1991 u l-1999 "wara t-tranżizzjoni gradwali tal-Litwanja bejn l-1991 u l-1997 minn Repubblika Sovjetika għal kandidat għas-sħubija mal-UE u ekonomija tas-suq" (punt 51 tad-deċiżjoni). F'Eastern Sugar vs Ir-Repubblika Ċeka (SCC Nru. 088/2004), it-tribunal tal-arbitraġġ sab li s-sempliċi introduzzjoni ta' skema taz-zokkor simili għall-iSkema taz-Zokkor tal-UE fid-dawl tal-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka mal-UE ma kinitx tikkostitwixxi ksur tal-prinċipju ta' trattament ġust u ekwu, iżda li kien hemm ksur meta l-leġiżlazzjoni b'mod inġust u mhux ekwu kellha fil-mira tagħha l-kumpannija partikolari inkwistjoni (punti 271 sa 274, 284 sa 287, u 333 sa 338). Ara wkoll Genin vs L-Estonja (ICSID Każ Nru ARB/99/2) (punt 356).

57 — Parkerings, punt 336.

58 — Ara pereżempju Parkerings, punt 337 u Eastern Sugar, punt 335.

aġenzija tal-ivvjaġġar barranija tipparteċipa fil-finanzjament ta' residenzi għall-vaganzi inkambju għal dritt ta' użu sa massimu ta' 20 % tal-kapaċità tas-sodod tagħhom għal 20 sena. L-attrazzjoni tar-residenza għall-vaganzi hi bbażata fuq il-viċinanza tagħha għal żona ta' protezzjoni tan-natura. Jekk ir-residenza għall-vaganzi titlef il-potenzjal ta' kirjiet tagħha minħabba regolamenti ġodda li jipprojbixxu l-aċċess tat-turisti għaż-żona protetta, ma jistax jingħad li l-aspettattiva leġittima tal-investitur ġiet miksura sakemm l-Istat ikkonċernat ma kienx ipparteċipa direttament jew indirettament fil-ftehim jew b'xi mod ieħor għamel wegħdiet għall-kontinwazzjoni tal-i*status quo*. Mill-banda l-oħra, jekk l-Istat, sabiex jippromwovi l-aċċess ugwali għaż-żona protetta, jintroduċi regolamenti ġodda li skonthom l-aġenziji tal-ivvjaġġar kollha għandhom ikunu ugwali fir-rigward tal-użu tal-kapaċità tas-sodod tar-residenzi l-ġodda, is-sitwazzjoni tkun trid tiġi evalwata b'mod differenti. Investitur ma għandux għalfejn jantiċipa interventi regolamentari li jdawru investiment privat li sar legalment f'ġid komuni u b'konsegwenza ta' dan, isir mingħajr valur għalih.

96. Għaldaqstant, anki jekk ATEL setgħet stenniet bidliet fil-qafas regolamentari, huwa dubbjuż li setgħet antiċipat bidla regolamentari li ċċaħħadha mill-possibbiltà li tgawdi użu privileġġjat ta' proprjetà li kisbet b'konsegwenza tal-investiment [59].

b) Esproprjazzjoni taħt l-Artikolu 6 tal-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investimenti

97. L-Artikolu 6 tal-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investimenti jgħid li l-partijiet kontraenti ma għandhomx jadottaw, direttament jew indirettament, miżuri ta' esproprjazzjoni jew miżuri oħra li għandhom l-istess natura jew l-istess effett kontra l-investimenti. Dan hu suġġett għal miżuri li jittieħdu fl-interess pubbliku, li ma jkunux diskriminatorji u li jkunu konformi mal-liġi u sakemm jitħallas kumpens effettiv u xieraq.

98. Il-Kummissjoni targumenta li l-Artikolu 6 tal-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investimenti ma jammontax għal obbligu internazzjonali li jinżamm fis-seħħ il-Kuntratt, peress li l-ksur tal-Kuntratt ma jammontax għal esproprjazzjoni. Targumenta

59 — Jidhirli li d-dritt li għandha ATEL abbażi tal-Kuntratt jista' jammonta għal dritt ta' proprjetà fis-sens tal-Artikolu 1 tal-ewwel protokoll addizzjonali tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem. Għall-kunċett wiesa' ta' "possedimenti" protetti taħt l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem, ara D. Harris, *Law of the European Convention on Human Rights*, p. 656 sa 662. Dwar il-ġurisprudenza fir-rigward tal-investimenti ara, pereżempju, Stran Greek Refineries and Stratis Andreadis vs Il-Greċja (Applikazzjoni Nru 13427/87), sentenza tad-9 ta' Diċembru 1994.

li huwa rari li l-interferenza tal-Istat fid-drittijiet tal-investiment ta' kuntrattur ikun tali li jammonta għal esproprjazzjoni indiretta.

99. Is-Slovakkja targumenta li tali sitwazzjoni tkun tammonta għal esproprjazzjoni indiretta. Skont din, l-esproprjazzjoni hija l-azzjoni tal-Istat li tinfluwenza b'mod negattiv il-ġestjoni, it-tgawdija u l-valur tal-investiment, u tirriżulta jekk il-miżura pubblika hija irriversibbli, permanenti, u taffetwa l-investiment b'tali mod li parti mill-investiment jgħib [60].

100. L-Artikolu 6 tal-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investimenti huwa fformulta b'mod pjuttost wiesa'. Ma jinkludix biss esproprjazzjoni diretta u indiretta, iżda wkoll miżuri li għandhom l-istess effetti. Għaldaqstant jidher li jipprevedi protezzjoni wiesgħa tal-investimenti.

101. F'dan il-każ, abbażi ta' dik it-tifsira tal-esproprjazzjoni kif ukoll tal-formulazzjoni wiesgħa tal-Artikolu 6 tal-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investimenti, huwa ċar li l-azzjoni tas-Slovakkja li tittermina l-Kuntratt se tinterferixxi mad-drittijiet ta' ATEL: se tiġi mċaħħda mill-*uniku* qligħ li għandha fir-rigward tal-investiment [61].

102. Il-Kummissjoni targumenta li l-esproprjazzjoni ma hijiex illegali peress li l-Artikolu 6 tal-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investimenti jipprovdi li l-kumpens jitħallas fil-każijiet ta' esproprjazzjoni. Għaldaqstant, skontha, ma hemm l-ebda obbligu li ma ssirx esproprjazzjoni, iżda obbligu li ma ssirx esproprjazzjoni *mingħajr kunpens*. Il-Kummissjoni ssostni li jekk din titqies bħala kundizzjoni kapaċi li tiġġustifika trattament diskriminatorju dan ikun jammonta għal aċċettazzjoni li argument li jinvoka piż finanzjarju huwa aċċettabbli,

60 — Plama Consortium Limited vs Ir-Repubblika tal-Bulgarija (Każ ICSID Nru ARB/03/24).

61 — Hu interessanti li jiġi osservat li l-bżonn għall-konformità mad-dritt tal-UE mhux neċessarjament jiġġustifika miżuri meħuda minn pajjiż ospitanti li huma inkonsistenti ma' trattat bilaterali fuq l-investimenti. Għaldaqstant, it-tribunal tal-arbitraġġ fil-Każ ADC1ADMC vs Hungary ma aċċettax li l-konformità mad-dritt tal-UE (il-ġestjoni fl-Ajruport ta' Budapest kellu jiġi armonizzat mad-Direttiva tal-UE 96/97 u l-kontroll tat-traffiku tal-ajru kellu jiġi separat mis-servizzi tal-operat tal-ajruport skont id-dritt tal-UE) kienet tirrikjedi l-miżuri meħuda mill-pajjiż ospitanti kontra l-investitur barrani. Ġie deċiż li dawn il-miżuri jikkostitwixxu esproprjazzjoni u għaldaqstant imorru kontra l-obbligi tal-Ungerija fit-trattat bilaterali fuq l-investiment bilaterali inkwistjoni. Ara ADC1ADMC vs L-Ungerija, ICSID Każ Nru ARB/03/16.

ħaġa li tmur kontra l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [62].

103. Fil-fehma tiegħi, dan l-argument ipoġġi r-rimedju qabel id-dritt. L-Artikolu 6 jinkludi fih dritt għal kumpens minħabba ksur tad-dritt tal-investitur li ma jiġix esproprjat. Dan id-dritt għal kumpens ma jiċħadx li hemm dritt li ma ssirx esproprjazzjoni, u għaldaqstant obbligu internazzjonali skont it-tifsira tal-Artikolu 307 KE fuq is-Slovakkja li ma tesproprjax l-investiment sakemm ma jkunux sodisfatti l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 6, li fosthom il-kumpens hu biss wieħed fost l-oħrajn.

104. Fil-fehma tiegħi, l-esproprjazzjoni legali ma hijiex miżura ta' politika *ad hoc* immirata kontra investitur magħruf, minkejja li mtaffa bil-kumpens, iżda tikkonsisti fl-applikazzjoni ta' qafas legali preeżistenti f'sitwazzjonijiet definiti minn qabel ikkaratterizzati minn interess pubbliku ikbar u b'rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet fundamentali.

105. Din il-konklużjoni hija appoġġjata minn analiżi ta' xi jkun mistenni li s-Slovakkja tagħmel sabiex tikseb dak li l-Kummissjoni tara bħala s-sitwazzjoni legali taħt id-Direttiva 2003/54. Ma hijiex is-Slovakkja li hija parti fil-Kuntratt iżda SEPS, li ma għandha l-ebda dritt li tirtira minnu. Il-Kuntratt għandu jiġi interpretat skont il-liġi Awstrijaka u allura s-Slovakkja ma tistax tibdel it-termini jew l-effetti tiegħu bil-leġiżlazzjoni tagħha, jew iċċaħħdu mill-effetti legali tiegħu. Liġi Slovakka li tiddikjara li l-kuntratti li jipprovdu għal aċċess privileġġjat għal netwerks tat-trasmissjoni huma invalidi u inapplikabbli fis-Slovakkja ma tibdilx il-fatt li SEPS tibqa' legalment marbuta bil-Kuntratt. Għaldaqstant, l-uniku mod konċepibbli sabiex is-Slovakkja tissodisfa l-obbligu tagħha fil-kawża preżenti huwa li tgħaddi leġiżlazzjoni li jkollha fil-mira tagħha lil SEPS u li żżommha lura milli timplementa l-Kuntratt. Fil-fehma tiegħi, dan ikun jammonta għal esproprjazzjoni jew miżura li għandha l-istess effett, u barra minn hekk aktarx li jmur kontra r-rekwiżit ta' trattament ġust u ekwu.

106. Barra minn hekk, peress li d-dritt tal-UE preżentement jippermetti derogi mill-prinċipju tal-aċċess mhux diskriminatorju għal netwerks tat-trażmissjoni tal-elettriku, ma jistax jingħad li l-esproprjazzjoni tal-investiment ta' ATEL hija meħtieġa fl-interess pubbliku. Barra minn hekk, ma jistax jingħad li dan isir fuq bażi mhux diskriminatorja

62 — Sentenza tal-20 ta' Frar 1986, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-309/84, Ġabra p. I-599, punt 17). Nosserva li ma hemmx indikazzjoni fil-proċess li ATEL kienet se tiġi offruta kumpens għas-sitwazzjoni l-ġdida. Barra minn hekk, il-faċilitajiet finanzjarji mogħtija lil investitur bħala kumpens għat-telf tal-valur ta' vantaġġ diskriminatorju pprojbit jistgħu jkunu problematiċi mill-aspett tal-għajnuna mill-Istat. Fuq dan il-punt ara, pereżempju, T. Eilmansberfer, "Bilateral Investment Treaties and EU law" [2009] 46 *Common Market Law Review* 383, fil-paġna 423 u n-nota ta' qiegħ il-paġna 171.

peress li hemm vojt bejn it-tmiem tal-perijodu ta' deroga permess taħt l-Artikolu 24 tad-Direttiva 96/92 u d-dħul fis-seħħ tal-Artikolu 7 tar-Regolament 1228/2003. Dan il-vojt ifisser li wħud mill-investimenti jistgħu jkunu suġġetti għal deroga filwaqt li oħrajn ma jistgħux, li mbagħad ifisser li l-miżura ma tistax tingħad li sseħħ fuq bażi mhux diskriminatorja.

107. Dan għandu jwassal għall-konklużjoni li hemm obbligu internazzjonali fis-sens tal-Artikolu 307(1) KE u li s-Slovakkja ma tistax iġġiegħel lil SEPS sabiex ma ssegwix it-termini tal-Kuntratt mingħajr ma tikser l-obbligi tagħha taħt il-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investimenti.

i) Konklużjoni dwar l-obbligu internazzjonali

108. Il-konsegwenza ta' dan huwa li tali obbligu, konkluż qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat, ma jistax jiġi affetwat mit-Trattat, u għaldaqstant is-Slovakkja ma tistax titqies li qed tikser l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 9 u 20 tad-Direttiva 2003/54.

109. Biex wasalt għal din il-konklużjoni, ittitubajt ftit. Minkejja li l-applikazzjoni tal-Artikolu 307 KE tiġġustifika dan ir-riżultat, mal-ewwel daqqa t'għajn, jidher li ma huwiex daqstant kompatibbli mal-idea tal-liberalizzazzjoni tas-suq li d-Direttiva 2003/54 għandha l-għan li tippromwovi. Madankollu, wasalt għal din il-konklużjoni billi ninsab persważ mill-fatt li din is-soluzzjoni ma hijiex inkompatibbli mad-derogi stabbiliti fl-Artikolu 24 tad-Direttiva 96/92 u l-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1228/2003, li jippermettu li investimenti fil-qasam tal-elettriku eċċezzjonalment jingħataw aċċess privileġġjat temporanju.

110. Fil-fehma tiegħi, din il-kawża ma hijiex ta' theddida għal-liberalizzazzjoni tas-suq peress li ATEL hija kumpannija ta' pajjiż terz, mhux monopolju attwali, bi dritt li nkiseb qabel l-adeżjoni tas-Slovakkja, għal żmien fiss u ma jistax jiġġedded wara dak il-perjodu taż-żmien.

## V — Konklużjoni

111. Fid-dawl ta’ dan, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad ir-rikors u tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.